# Xogħol tal-artist Gianni Vella fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa

Mario Fenech

Fil-Knisja Arċipretali ta' Marija Bambina fil-Mellieħa niltaqgħu ma' diversi xogħlijiet b'ismijiet t'artisti magħrufa. Fost dawn hemm dawk li għamel l-artist Gianni Vella.

Hawnhekk huwa pinġa fuq it-tila l-kwadri ta' San Pawl qiegħed jikkonsagra bħala Isqof lil San Publiju, lil San Luqa bil-kwadru tal-Madonna, il-Viżitazzjoni tal-Madonna lill-qariba Santa Eliżabetta, il-Preżentazzjoni ta' Gesù fit-Tempju, it-Twelid tal-Bambin Ġesù, il-Ħarba tal-Famija Mqaddsa lejn l-Eġittu, l-Anġlu Kustodju u San Mikiel Arkanġlu.

Gianni Vella għamel numru kbir ta' xogħlijiet fil-knejjes ta' Malta u Għawdex matul il-karriera twila tiegħu. Huwa twieled f'Bormla fid-9 ta' Mejju 1885 u t'età żgħira kien mar joqgħod għand zijuh Emmanuel. Kien ċertu Dun Ġużepp li nduna bil-kapaċitajiet artistiċi tiegħu u kien resqu lejn l-artist Attilio Palombi li dak iż-żmien kien qiegħed jagħmel pittura tas-saqaf tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

Studja f'Ruma u meta ġie lura Malta fis-sena 1912 fetaħ il-ħanut tiegħu fi Triq San Duminku fil-Belt. Kellu karriera twila b'ħafna xogħlijiet sbieħ u miet fis-sena 1977 meta kellu 92 sena.

Ix-xogħol li għamel għall-Knisja tal-Mellieħa tista' tgħid li kien wieħed xi ftit diffiċli għalih. Dan għaliex fl-istess knisja kien hemm diġà xogħlijet sbieħ tal-artisti Giuseppe Calì u Lazzaro Pisani u għal daqstant kellu jagħmel dawn il-kwadri b'livell









artistku għoli biex ma jkunux inferjuri mal-kwadri l-oħrajn.

Fil-Kwadru tal-Anġlu Kustodju wieħed jinnota l-ħlewwa li biha dan qiegħed juri t-Triq it-Tajba lit-tfajjel li hemm fuq tarġa ħdejh b'ġilju abjad f'idu xempju ta' safa u innoċenza.

Żewġ kwadri sbieħ minn tiegħu li jinsabu mal-ħitan tal-ġnub taħt il-gallarija tal-Orgni huma dawk ta' San Mikiel Arkanġlu u tal-Anġlu Kustodju. Dawn għamilhom fis-sena 1930 meta kellu 45 sena.

Fil-kwadru ta' San Mikiel Arkanġlu naraw xena mhux tas-soltu fejn dan qiegħed bil-miżien f'idu x-xellugija, filwaqt li f'idu l-oħra xabla twila mdaħħla f'ras id-dragun li qiegħed jisħaq b'riġlejh xempju tal-ħażen. Bħal ma għamel f'bosta mill-kwadri l-oħrajn tiegħu dawn għandhom il-ġwienaħ tagħhom merfugħin 'il fuq u miftuħin.

Minbarra x-xogħol mirqum b'kuluri sbieħ li hemm fit-tila wieħed jinnota x-xogħol sabiħ skulturat fil-ġebla tal-Mellieħa li hemm fil-gwarniċi tagħhom.

Opri sbieħ li jżejnu din il-knisja sabiħa tal-Mellieħa ddedikata lit-Twelid tal-Madonna.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.